MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Avviz Numru. 733/2001/1

**Carmen Mallia u Anthony Mallia bhala prokuratur ta’ l-assenti Loreta Williams, Maria Moore u Benedetto ahwa Agius ilkoll assenti minn Malta**

**Vs**

**Mario Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici et nomine talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundanant li jizgombra mill-fond numru sebgha (7), Triq tal-Gebel, Hal-Far, fil-limiti taz-Zurrieq in kontra ta’ Birzebbugia fiz-zmien qasir u perentorju li tistabilixxi l-Qorti stante li qieghed jiddetjeni l-fond fuq imsemmi minghajr titolu validu fil-ligi. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ghal fini ta’ kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju ma jeccedix l-mitejn lira Maltija (Lm200).

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Mario Spiteri u martu Carmela Spiteri (fol 7 tal-atti) u li biha esponew bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-gudizzju mhux integru stante illi l-kawza ma hiex diretta wkoll kontra mart il-konvenut.
2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom qabel xejn jippruvaw x’titolu ghandhom huma fuq l-fond in kwistjoni.
3. Illi subordinatament u bla preduzzju ghall-premess, l-konvenut ma huwiex l-legittimu kontradittur stante li l-fond in kwistjoni huwa mikri jew moghti b’titolu ta’ emfitewsi lil Joseph Cachia, u ghalhekk ma ghandhom ebda relazzjoni guridika tal-atturi.

Rat li l-istess konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni (fol 15 tal-atti).

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fl-20 ta’ Ottubru 2003 (fol 28 et seq ibid) u li biha giet michuda t-tieni eccezzjoni kif proposta mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-meritu ta’ din il-kawza, l-attrici Carmen Mallia, spjegat (fol 11 u fol 12 tal-atti) illi l-post in kwistjoni kien gie mikri mill-atturi, lil certu Joseph Cachia, li kif qalet hi stess “sparixxa” waqt li l-konvenut odjern “… jiena ma nafux”.

Illi l-konvenut (fol 24 u fol 25 ibid) xehed u semma illi l-post in kwistjoni kien ittiehed b’titolu li ma setax jindika, minn Joseph Cachia u dan madwar hamsa u ghoxrin sena’ ilu. Hu kien jkun dejjem mal-istess Joseph Cachia u qabel ma dan kien siefer “ilu … hafna” kien ta lill-konvenut “karta” li tinsab esebita in atti a fol 26. In rigward il-konvenut, hu stess qal illi “Jiena qatt ma hallast xi flus lil xi hadd. Dwar l-imsemmija “karta”, din, certament ma tikkostitwiex xi titolu favur l-istess konvenut li lanqas ma hu msemmi fiha, izda li tittratta dwar trasferiment da parti

ta’ certa Anna Agius lil Joseph Cacha, ta’ sehemha mic-cens fuq il-post imsemmi fl-istess karta.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti, il-konvenut bl-ebda mod ma ipprova li jista’ jkollu xi hjiel tat-“titoli” imsemmija fl-eccezzjonijiet tieghu. Ghandu jinghad illi mill-istess eccezzjoni kif proposta il-konvenut lanqas kien jaf x’titolu seta’ kellu fuq l-istess post.

Illi ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex sal-25 ta’ Mejju 2005 jizgombra mill-fond numru sebgha (7), Triq tal-Gebel, Hal Far, fil-limiti taz-Zurrieq u dan stante li l-istess konvenut jiddetjenti l-fond imsemmi minghajr titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------